# France, Germany & The Black Forest - *Christmas Markets*

**6 t'ijiem**

**INŻURU: MULHOUSE, STRASBOURG, FREIBURG, COLMAR, RIBEAUVILLE, RIQUEWIHR & RHINE FALLS**

**8 – 13 ta' Diċembru**

**L-Erbgħa 8 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fin-12.30 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.50. Transfer bil-kowċ lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza.** L-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa **Hotel Bristol** 3 star fiċ-ċentru tal-belt. F'Mulhouse ta' kull sena jarma l-**Christmas Market** fil-pjazza '**Place de la Reunion**'. Dan il-market ikun miftuħ kuljum sat-20.00.

**Il-Ħamis 9 ta' Diċembru**
Illum se nżuru l-belt ta' **Freiburg** fil-Ġermanja li hi l-kapitali tal-**Black Forest**. Inżuru wkoll il-famuż *Christmas* **Market** fejn ikun hawn atmosfera mill-isbaħ, insibu prodotti tipiċi tal-Black Forest bħal **Straw Shoes, Wooden Toys u l-Candle Workshop** li hu l-highlight fejn il-viżitaturi jkunu jistgħu jaraw kif tinħadem. Ikollna l-opportunita li ngawdu l-belt ta' Freiburg mixgħula. Ċena fil-hotel.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru**
Breakfast u illum gurnata libera biex ingawdu Mulhouse fejn hawn nistghu nzuru il-**Famuz Zoo, Automobile Museum,** u hin ghax-xiri mill hwienet sbih fic-centru pedonali u l-Christmas Market. Izda min irid (optional) tistghu tqatta gurnata ta'divertiment fl-**Europa Theme Park** li hu wiehed mill isbah u mill akbar parks fl-Europa. Hawn insibu dak kollu li wieħed jixtieq jara f'dinja ta' ħolm.

**Is-Sibt 11 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Ribeauville, Riquewihr** u l-belt sabiħa ta' **Colmar**. L-ewwel waqfa tkun ġewwa l-villaġġ medjevali tant ħelu ta' **Ribeauville**, in-nies ta' dan il-post jgħixu ħajja trankwilla u l-industrija ewlenija tagħhom hija l-inbid ta' Alsace. Inkomplu lejn **Riquewihr** villaġġ li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. L-aħħar żjara tagħna tkun fil-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' Alsace. Nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw iċ-ċentru storiku mimli arti w kultura, bid-djar qishom tal-pupi kif ukoll il-Kwartieri mimlijin kanali li jissejjaħ '**Little Venice'**. Ċena fil-hotel.

**Il-Ħadd 12 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Strasbourg**, belt tant eleganti u t'importanza kbira. Flimkien naraw **Petite France, Old Quarters, Palais du Europe, European Parliament, l'Orangerie u l-famuż Katidral.** Wara ser inżuru l-famuż Christmas Market li ilu jarma sa mill-1570 għalhekk hu l-eqdem Christmas Market kif ukoll wieħed mill-akbar fl-Ewropa.

**It-Tnejn 13 ta' Diċembru**
Nitilqgħu bil-kowċ lejn **Schaffhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar kaskati spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' Zurich b'ħafna memorji sbieħ. Ngħamlu ċ-check in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-20.00.

**Prezz kull persuna**

Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €655 | €605 |
| Kamra ta żewġ persuni | €670 | €620 |
| Kamra ta' persuna waħda | €720 | €670 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €540 | €490 |
| Suppliment Half board (4 iklet) | | €70 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mall-Air Malta għal Zurich
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- Akkomodazzjoni Hotel Bristol 3 star fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Breakfast kuljum
- Taxxi u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

